

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Diċembru 2011

**li ttemm il-proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ġertu polietilene  
tereftalat li joriġina mill-Oman u mill-Arabja Sawdija**

(2011/835/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

(5) Fl-istess jum, il-Kummissjoni tat bidu għal proċediment kontra s-sussidju li jikkonċerna l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ġertu PET li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati (3).

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (1) ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

(6) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-industrija tal-Unjoni, lill-esportaturi/produtturi fil-pajjiżi kkonċernati, lill-importaturi, lill-kull assoċjazzjoni magħrufa li hija kkonċernata u lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jagħmlu l-fażċi kien fejn tagħhom magħrufa bil-miktub u li jitkolbu smiġi fil-limitu taż-żmien stabbilit fin-notifika ta' bidu.

(7) Il-partijiet interessati kollha li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu, ngħataw seduta ta' smiġi.

Billi:

### A. PROċEDURA

- (1) Fit-3 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) rċeviet ilment dwar id-dumping allegat ta' ġertu polietilene tereftalat ("PET") li joriġina mill-Oman u mill-Arabja Sawdija (il-“pajjiżi kkonċernati”), li kkawża ħsara lill-Industrija tal-Unjoni.
- (2) L-ilment tressaq mill-Kumitat tal-Manifatturi tal-Polietilene Tereftalat (PET) fl-Ewropa (CPME) (“l-ilmentatur”) fisem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ ta' aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ġertu PET skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku.
- (3) L-ilment kien fih evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' dumping u ta' ħsara materjali li rriżultat minnu, li tqieset biżżejjed biex ikun iġġustifikat il-bidu ta' proċediment tal-anti-dumping.
- (4) Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, permezz ta' avviż ippubblikat f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (2) bdiet proċediment tal-anti-dumping fis-16 ta' Frar 2011 dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' ġertu PET li joriġina mill-Oman u mill-Arabja Sawdija.

### B. IRTIRAR TAL-ILMENT U TMIEM IL-PROċEDIMENT

(8) B'ittra tat-12 ta' Ottubru 2011 lill-Kummissjoni, is-CPME formalment irtira l-ilment.

(9) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jista' jintem meta jiġi rtirat l-ilment, sakemm tali tmiem ma jkunx fl-interess tal-Unjoni.

(10) F'dan ir-rigward għandu jiġi nnutat li l-Kummissjoni ma identifikat xi raġuni biex tindika li t-tmiem mhux se jkun fl-interess tal-Unjoni, lanqas ma tqajmet xi raġuni mill-partijiet interessati. Għaldqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-proċediment preżenti għandu jintem. Il-partijiet interessati ġew infurmati b'dan u ngħataw l-opportunità li jikkumentaw.

(11) Xi wħud mill-partijiet interessati esprimew appoġġ għal tmiem il-proċediment. Partijiet interessati oħran, għal-kemm appoġġjaw it-tmiem tal-proċediment, talbu żvelar tas-sejbiet tal-investigazzjoni.

(12) Għandha tinġibed l-attenzjoni f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni ma waslitx għal konklużjoni dwar is-sejbiet tagħha u li għalhekk mhijiex fpożizzjoni li tiżvela deċja miġbura qabel l-irtirar tal-ilment.

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

<sup>(2)</sup> ĠU C 49, 16.2.2011, p. 16.

<sup>(3)</sup> ĠU C 49, 16.2.2011, p. 21.

- (13) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, qed jiġi konkluż li ma hemm l-ebda raġuni soda kontra t-tmiem ta' dan il-proċediment.
- (14) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-proċediment anti-dumping dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti polietilene tereftalat (PET) li joriġina mill-Oman u mill-Arabja Sawdija għandu jintemm.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-polietilene tereftalat li għandu numru ta' viskožitā ta' 78 ml/g

jew aktar, skont l-Istandard ISO 1628-5, li joriġina mill-Oman u mill-Arabja Sawdija, li attwalment jaqa' fil-kodiċi tan-NM 3907 60 20, qiegħed b'dan jintemm.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-publikazzjoni tagħha f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO